31995L0039

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 95/39/KE

tas-17 ta' Lulju 1995

li temenda l-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali u l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali ([1]), u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimali ([2]), u partikolarment l-Artikolu 11 tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni ġiet ordnata, fi ħdan il-qafas tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE u 86/363/KEE, biex tħejji lista ta' residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tagħhom għall-approvazzjoni mill-Kunsill;

Billi r-residwi tal-pestċidi jistgħu jinstabu fiċ-ċereali u f'oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimalibħala riżultat ta' prattiċi agrikoli; billi huwa meħtieġ li jkun ikkunsidrat it-tagħrif relevanti għaż-żewġ tipi ta' l-użu awtorizzati ta' pestiċidi u, kif inhu xieraq, provi ssorveljati u studji fuq l-ikel għall-annimali;

Billi biex ikun ikkalkulat aħjar il-potenzjal massimu tad-dieta mittiekla tar-residwi tal-pestiċidi, ikun prudenti li jkunu stabbiliti simultanjament, meta jkun xieraq, il-livelli massimi tar-residwi għall-pestiċidi individawli fil-komponenti kollha ewlenin ta' l-ikel; billi dawn il-livelli jirrappreżentaw l-użu tal-kwantitajiet minimi tal-pestiċida meħtieġa biex jintlaħaq il-kontroll adekwat, applikat b'tali mod li l-ammont ta' residwu ikun l-anqas possibbli jew tossikoloġikament aċċettabbli;

Billi, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u l-kriterji tas-saħħa pubblika u l-agrikoltura, id-Direttivi 86/362/KEE u 86/363/KEE jeħtieġ li jkunu emendati biż-żieda ta' dispożizzjonijiet marbuta mar-residwi ta' pestiċidi oħra għaċ-ċereali u l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom l-oriġini mill-annimali, prinċipalment *methidathion, methomyl thiodicarb, amitraz, pirimiphos-methyl, aldicarb* u *thiabendazole*;

Billi, b'dana kollu, it-tagħrif disponibbli mhuwiex biżżejjed skond in-normi kurrenti biex ikunu stabbiliti l-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċida għal ċerti residwi ta' pestiċidi/kumbinazzjonijiet ta' prodotti; billi f'dawn il-każi perjodu ta' żmien li ma jeċċedix aktar minn erba' snin jidher li jkun raġonevoli għall-ġenerazzjoni tat-tagħrif meħtieġ; billi l-livelli massimi għandhom għalhekk ikunu stabbiliti fuq il-bażi ta' dan it-tagħrif sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2000; billi n-nuqqas li jkun ipprovvdut it-tagħrif meħtieġ iwassal għall-istabbiliment ta' livelli fil-limitu xieraq tad-determinazzjoni; billi impriżi sodisfaċenti biex ikun iġġenerat it-tagħrif meħtieġ għandhom jingħataw fi żmien sena mill-adozzjoni ta' din id-Direttiva;

Billi l-livelli massimi tar-residwu stabbiliti f'din id-Direttiva għandhom ikunu rriveduti fil-qafas tar-ri-evalutazzjoni ta' sustanzi attivi li hemm provvediment dwarhom fil-programm ta' ħidma li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([3]),

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Ir-residwi tal-pestiċida li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Parti A ta' l-Anness II għad-Direttiva 86/362/KEE:

([1]) ĠU L 221, 7. 8. 1986, p. 37. Direttiva kif ġiet l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/29/KE (ĠU L 189, 23. 7. 1994, p. 67).

([2]) ĠU L 221, 7. 8. 1986, p. 43. Direttiva kif ġiet l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/29/KE (ĠU L 189, 23. 7. 1994, p. 67).

([3]) ĠU L 230, 19. 8. 1991, p. 1.

Residwi tal-pestiċida	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)
METHADATHION	0,02 (*)
METHOMYL THIODICARB	0,05 (*)
Residwu: is-somma ta' methomyl u thiodicarb espressa bħala methomyl	
AMITRAZ	0,02 (*)
Residwu: amitraz u l-metaboliti kollha li jkollhom 2,4 demethylaniline espress bħala amitraz	
PIRIMIPHOS-METHYL	5
ALDICARB	0,05 (*)
Residwu: is-somma ta' aldicarb, is-sulfoxide u s-sulfone tiegħu espressa bħala aldicarb	
THIABENDAZOLE	([a])qamħ, ross 0,05 (*): oħrajn

(*) Jindika l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika.
([a]) Jekk il-livelli ma jiġux adottati sa' l-1 ta' Lulju 2000, il-livell ta' 0,05 (*) għandu jkun japplika.

L-Artikolu 2

1. Ir-residwi tal-pestiċidi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE:

Residwi tal-pestiċidi	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)		
	ta' xaħam, li jkun hemm fil-laħam, preparazzjonijiet ta' laħam, raċanċ u xaħmijiet ta' l-annimali li hemm elenkati fl-Anness I taħt l-Intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602. ([1]) ([4])	għall-ħalib mhux maħdum krema shiha tal-ħalib tal-baqra li hemm elenkati fl-Anness I taħt l-Intestatura Nru 0401, 0402, 0405 00 u 0406, f'konformita ma' ([2]) ([4])	ta' bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Anness I taħt l-Intestatura Nri 0407 00 u 0408 ([3]) ([4])
METHIDATHION	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
PIRIMIPHOS-METHYL	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)

(*) Jindika l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika.
([1]) Fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel b'kontenut ta' xaħam ta' 10% jew anqas bil-piż, ir-residwu jkun irrelatat mal-piż totali ta' l-oġġett ta' l-ikel bl-għadam. F'dawn il-każi, il-livell massimu ikun wieħed minn kull sitta (1/6) tal-valur irrelatat mal-kontenut ta' xaħam, iżda għandu jkun inqas minn 0,01 mg/kg.
([2]) Biex ikunu stabbiliti r-residwi fil-ħalib mhux maħdum tal-baqra u fil-krema shiha tal-ħalib tal-baqra, kontenut ta' xaħam ta' 4% bil-piż għandu jittieħed bħala bażi. Għall-oġġetti l-oħra ta' l-ikel elenkati fl-Anness I taħt l-Intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406:
— b'kontenut ta' xaħam ta' anqas minn 2% bil-piż, il-livell massimu għandu jittieħed bħala nofs dak stabbilit għal ħalib mhux maħdum u krema shiha tal-ħalib,
— b'kontenut ta' xaħam ta' 2% jew aktar bil-piż, il-livell massimu jiġi espress f'mg/kg ta' xaħam. F'dawn il-każi, il-livell massimu ikun 25 darba aktar minn dak stabbilit għal ħalib mhux maħdum u krema shiha tal-ħalib.
([3]) Għal bajd u prodotti tal-bajd b'kontenut ta' xaħam oġħla minn 10%, il-livell massimu jiġi espress f'mg/kg ta' xaħam. F'dan il-każ il-livell massimu ikun 10 darbiet aktar għoli mil-livell massimu għal bajd frisk.
([4]) In-noti fil-qiegħ (1), (2) u (3) ma japplikawx fil-każi meta l-limitu l-baxx tad-determinazzjoni analitika jkun indikat.

2. Ir-residwi tal-pestiċida li ġejjin għandhom jiżdiedu mas-Sezzjoni B ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE:

Residwi tal-pestiċidi	Livelli massimi f'mg/kg (ppm)		
	ta' laħam, inkluż xaħam, preparazzjonijiet ta' laħam, raċanċ u xaħmijiet ta' l-annimali kif hemm elenkat fl-Anness I taht l-Intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602.	ghall-halib u prodotti tal-halib li hemm elenkati fl-Anness I taht l-Intestatura Nru 0401, 0402, 0405 00 u 0406	ta' bajd frisk bil-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfra tal-bajd elenkati fl-Anness I taht l-Intestatura Nri 0407 00 u 0408
METHOMYL	0,02 (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
THIODICARB			
Residwu: is-somma ta' methomyl u thiodicarb espressa bħala methomyl			
AMITRAZ	Laħam tat-tjur		0,02 (*)
Residwi: amitraz u il-metaboliti kollha li jkollhom 2,4 dimethylaniline espress bħala amitraz	0,02 (*)		
ALDICARB	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
Residwu: is-somma ta' aldicarb, is-sulfoxide u s-solfone tiegħu espressi bħala aldicarb			
THIABENDAZOLE	0,1		0,1 (*)
Residwu: is-somma ta' thiabendazole u 5-hydroxythiabendazole	(bl-eċċezzjoni tal-laħam u prodotti oħra tan-ngħaġ, ċanga u mogħoż)		

(*) Jindika il-livell ta' taht tad-determinazzjoni analitika.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-22 ta' Awissu 1996.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn ta' l-aħħar għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew inkella jkunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir tali referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, is-17 ta' Lulju 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

L. ATIENZA SERNA